**Sensiela ta’ Muniti Kommemorattivi li juru Nies Maltin Magħrufin**
- **It-Tieni Munita fis-Sensiela: Nicolo’ Isouard (1775-1818)**




Fl-2002, il-Bank Ċentrali ta’ Malta ħareġ it-tieni munita kommemorattiva fis-Sensiela Nies Maltin Magħrufin b’tifkira ta’ Nicolo’ Isouard (2002). L-ewwel munita f’din is-sensiela kienet inħarġet f’Settembru ta’ l-2001 biex tfakkar il-Prim Ministru ta’ dari, l-Avukat Enriko Mizzi.

It-tieni munita tfakkar lil Nicolo’ Isouard, il-kompożitur Malti magħruf li għex bejn l-1775 u l-1818.

L-Arma ta’ Malta u s-sena tal-ħruġ jidhru fuq wiċċ il-munita. Fuq wara jidher ritratt ta’ Nicolo’ Isouard, id-dati ta’ twelidu u ta’ mewtu (1775-1818), u l-kliem “Nicolo’ Isouard - Kompożitur”.

Il-kompożitur Nicolo’ Isouard kien wieħed mill-Maltin magħrufin li kiseb ġieħ kemm għalih u kemm għal art twelidu saħansitra lil hinn minn xtut Malta. Huwa twieled fl-1775. Missieru, Fortunato Isouard Xuereb, kien bagħtu jistudja, meta kien għadu lanqas għalaq l-għoxrin sena, fil-Kulleġġ Militari ta’ Pariġi, iżda t-taqlib imqanqal mir-Rivoluzzjoni Franċiża ġagħlitu jerġa’ lura lejn Malta. Hawnhekk hu ntefa’ għall-istudju tal-mużika, u wieħed mill-għalliema tiegħu kien Mro Francesco Azzopardi, il-“Maestro di Cappella” magħruf tal-Katidral. Imbagħad hu ssokta l-istudji mużikali tiegħu, fosthom dak ta’ l-opra klassika, f’Palermo u f’Napli, u l-ewwel żewġ opri tiegħu “L’Avviso ai Maritati” u “Artaserse” kienu dehru u ntlaqgħu sew f’Livorno.

Fuq l-amar tal-Granmastru de Rohan hu reġa’ lura Malta, fejn tweġġaħ billi ddaħħal fl-Ordni ta’ San Ġwann bħala “Donat”, u billi nħatar organist, u mbagħad, fl-1796, Maestro di Cappella tal-Knisja Konventwali ta’ San Ġwann. Matul il-ħakma Franċiża hu kien inħatar il-Kummissarju tat-Teatru Manoel.

Fis-sena 1800 hu reġa’ mar Pariġi, fejn iżżewweġ lil Claudine Berthault, u fejn hu kien ħareġ, taħt l-isem Nicolo’ de Malte, għadd ta’ opri liriċi b’libretti Franċiżi, fosthom “Cendrillon” u “Joconde”, li hekk intlaqgħu tajjeb li żgurawlu darba għal dejjem l-għarfien tiegħu bħala kompożitur.

Hu miet fil-belt kapitali Franċiża f’Marzu ta’ l-1818 u jinsab midfun fiċ-ċimiterju Père Lachaise. Illum, il-bust tiegħu jispikka fost il-busti tal-kompożituri l-imfaħħrin l-oħrajn li jżejnu l-bini ta’ l-Opera ta’ Pariġi.

Din il-munita tal-Fidda "*Proof*" kellha valuta legali ta' Lm5 f'Malta mill-1 ta' Novembru 2002 sal-31 ta' Jannar 2008. Id-disinn hu ta' l-artist Malti Noel Galea Bason u l-munita nħadmet fir-*Royal Mint*, ir-Renju Unit, b'dawn l-ispeċifikazzjonijiet:

| **Tip** | **Denominazzjoni** | **Diametru (mm)** | **Użin Gross (g)** | **Titlu** | **Titolu massimu ta' muniti li jistgħu jinħadmu** |
|---|---|---|---|---|---|
| Fidda "Proof" | Lm5 | 38.61 | 28.28 | 0.925 | 2,000 |